# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors numru: 30/2022 BS**

**AC**

**-vs-**

**MZ**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tal-attur AC illi ppremetta:**

ILLI l-partijiet iżżewwġu [sic] fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fil-knisja tal-Kunċizzjoni l-Qala Għawdex u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

ILLI minn dawn iż-żwieġ, il-partijiet żewġ ulied [sic]: DC li twieled fl-għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sitta (20.04.2006) u SC li twieled [sic] u fid-ds[a]tax [sic] ta' Frar elfejn u għaxra (19.02.2020);

ILLI fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni liema kuntratt ġie ippublikat [sic] u huwa miżmum fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech, liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat dok B;

ILLI in oltre il-partijiet [sic] ilhom *de facto* separati minn Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020);

ILLI ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin u illum [sic] għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

ILLI l-partijiet ma għandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-manteniment versu l-ulied qed jitħallas regolarment;

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul [i]ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien qasir prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-deċiżjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A et sek [sic] tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta MZ illi eċċepixxiet:**

1. ILLI din ir-risposta qed issir għar-rikors tar-rikorrent ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2022 fejn l-istess rikorrent qed jitlob id-divorzju taż-żwieġ kontrattat bejn iż-żewġ partijiet;

2. ILLI hija tiddikjara illi di prinċipju hija m'għandha xejn kontra u ma topponix it-talba sabiex jiġi ppronunzjat id-divorzju bejnha u bejn ir-rikorrenti;

3. MADANKOLLU, l-esponenti tissottometti li hija m'għandhiex tbagħti [sic] l-ebda spejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri, in kwnatu hija m'għandha l-ebda interess biex jiġi ottjenut tali divorzju;

4. GĦALDAQSTANT, f'każ li t-talba rikorrenti tiġi milqugħa, ir-rikorrenti għandu jiġi kundannat biex jħallas [sic] l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-proċeduri.

**Il-Qorti;**

**Fliet** l-atti;

**Semgħet** ix-xhieda tal-konvenuta fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022;

**Rat** li fl-istess seduta il-kawża ġiet differita għas-sentenza tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament fit-30 ta' Ġunju, 2021;

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta mhux qed topponi t-talba iżda topponi li tħallas l-ispejjeż tal-istess;

Rat ukoll li l-konvenuta xehdet illi ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni;

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur